MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 139/2008

**Fl-atti ta' l-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Jannar 2008**
**fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud**

**vs**

**Joseph Cassar (ID 420959M), Pawlu Cutajar (ID 173561M),**
**Michael Mizzi (ID 508155M) u Victor Mizzi (ID 631057M)**
**f'isimhom propja kif ukoll bhala diretturi**
**ghan-nom u in rapprezentanza ta'**
**South West Cleaners Limited**
**(C 31817)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrenti nomine ssottomettew:

Illi permezz ta’ ittra ufficjali ta’ l-14 ta’ Jannar 2008, huma gew interpellati mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ai termini ta’ l-Art. 66 ta’ l-Att XXII ta’ l-1998 sabiex fi zmien jumejn ihallsu l-ammont ta’ €116,402.20 (mija u sittax-il elf, erba’ mija u zewg Euros u ghoxrin centezmu) dovut minnhom;

Illi qabel xejn, ir-rikorrenti ma nghataw l-ebda taghrif jew raguni ghat-talba tal-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, izda semplici nterpellazzjoni ta’ hlas minghajr indikazzjoni ghall-liema zmien u/jew snin tirreferi l-istess interpellazzjoni, u ghall-liema attivita’ qieghed jirreferi l-istess Kummissarju;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jissottomettu li t-talba prezentata fl-istess ittra ufficjali ta’ l-14 ta’ Jannar 2008 hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi ghal kull buon fini l-istess rikorrenti qeghdin jaghmlu verifika u jekk ikun il-kaz sejrin jirregolarizzaw kwalsiasi pozizzjoni mhux skond il-ligi li huma jista’ jkollhom, kemm bhala dokumentazzjoni li ghandha tinghata lid-Dipartiment tal-VAT, kif ukoll il-pozizzjoni taghhom fil-kumpanija in kwistjoni.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq premessi l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud bhala nfondata.

Bl-ispejjez u l-imghax, b’riserva ghall-azzjoni ulterjuri.

Rat ir-**risposta tal-intimat** a fol. 6 tal-process fejn eccepixxa:

Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra l-atturi ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi l-ammont dovut mill-intimati lill-esponent huwa stima ta' taxxa mifruxa fuq ghaxar perjodi ta' taxxa, li l-ewwel wiehed beda fl-1 ta' Gunju 2005 u l-ahhar wiehed spicca fit-30 ta' Novembru 2007;

2. Illi matul dan iz-zmien kollu hawn fuq imsemmi s-socjeta' ntimata qatt ma baghtet id-denunzji tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Konsegwentement l-esponenti ghamel stima huwa tat-taxxa dovuta li l-bilanc totali nkluzi l-interessi huwa Euro €116,402.20;

3. Illi jekk, u meta jintbaghtu d-denunzji – u dan jekk jirrizultaw korretti – l-istima tat-taxxa tigi sostitwita bl-ammont kif dikjarati fid-denunzja u l-imghaxijiet dovuti fuq l-istess stima jigu wkoll aggustati a bazi ta' l-istess stima korretta;

4. Illi rigward l-asserzjoni ta' l-intimati illi huma ma nghataw l-ebda taghrif jew raguni ghat-talba ta' l-esponent, izda semplici nterpellazzjoni ta' hlas minghajr indikazzjoni ghall-liema zmien u/jew snin tirreferi l-istess interpellazzjoni. L-esponent jirrileva illi l-intimati jafu ben tajjeb illi kull hmistax (15) ta' kull xahar, l-esponent jibghatilhom Ledger Statement li fih jigi ndikat, ghal kull perjodu, l-ammont ta' taxxa stmata mill-esponent kif ukoll l-ammont ta' nteressi pagabbli fuq kull stima fin-nuqqas tas-sottomissjoni tad-denunzja.

5. Illi rigward l-asserzjoni ta' l-intimati illi huma ma nghataw l-ebda taghrif ghall-liema attivita' qieghed jirreferi l-esponent, l-esponent jirrileva illi l-intimati messhom jafu li meta tintbaghat denunzja tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, din ghandha tinkludi fiha d-dhul u l-hrug finanzjarju kollu relatat ma' dik ir-registrazzjoni. Di piu' bhalma jsir fil-kazi kollha, meta l-intimati ghamlu talba lill-esponent ghar-registrazzjoni taghhom ma' l-esponent, l-esponent talabhom jiddikjaraw kull attivita' ekonomika li ser tkun koperta b'dik ir-registrazzjoni;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;
Rat il-verbali tas-seduti;
Rat li ma sar ebda rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;
Peress illi r-rikorrenti ghalkemm inghataw diversi differimenti biex iressqu l-provi taghhom naqsu milli jaghmlu dana.

**Tiddeciedi**

Billi fin nuqqas ta’ provi
Tichad it-talba tar-rikorrenti
Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------